*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,272, 27 ta' Ġunju, 2014*

*Taqsima B*

**A.L. 221 tal-2014**

**L-ATT DWAR L-EDUKAZZJONI**
**(KAP. 327)**

**Ir-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali**

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mill-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 7(b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru, u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

**It-Titlu**

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2014 għall-Programm fil-Liberal Arts and Sciences taħt il-patroċinju taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenżi Liberali.

**L-Applikabilità**

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw minn Ottubru 2014 'il quddiem.

**L-Interpretazzjoni**

3. F'dawn ir-regolamenti, kemm-il darba r-rabta tal-kliem ma teħtieġx mod ieħor, it-termini użati għandha tingħatalhom it-tifsira li għandhom fil-Glossarju tat-Termini li qed jingħata hawn:

| **GLOSSARJU TAT-TERMINI** | |
|---|---|
| **Terminu** | **Tifsira** |
| Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent | Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent maħtur biex jiddeċiedi dwar il-klassifikazzjoni finali ta' studenti eliġibbli għall-għoti ta' diploma jew grad. |
| Bord tal-Istudji | Il-Bord tal-Istudji maħtur biex jamministra l-Programm skont dawn ir-regolamenti. |
| Għotja/Għotjiet | Ċertifikat tal-Università, Diploma tal-Università, Higher Diploma tal-Università, grad ta' Bachelor tal-Università mogħtija kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti. |
| Katalgu ta' Taqsimiet | Il-Katalgu ta' Taqsimiet huwa kollezzjoni tat-Taqsimiet kollha offruti f'dan il-Programm u għandu jkun ippubblikat *online*. Id-deskrizzjoni dettaljata ta' kull Taqsima għandha tindika t-tip, il-livell, il-kodiċi, it-titlu, il-kontenut u r-riżultati tat-tagħlim, il-valur tal-kretti, il-metodu tat-tagħlim u tal-valutazzjoni, li jinkludi l-perċentwali tal-piż ta' kull komponent ta' valutazzjoni meta applikabbli. |

| | |
|---|---|
| Krettu | Il-kretti jiġu mogħtija għal kull Taqsima mitmuma b'suċċess. |
| Metodu ta' Valutazzjoni | Il-valutazzjoni tat-Taqsimiet tista' tkun permezz ta' xogħol matul il-kors, xogħol assenjat, eżamijiet miktuba jew orali, metodi oħra ta' valutazzjoni kif approvati mis-Senat, jew tiżwiqa ta' dawn, li ma' kull wieħed mill-metodi użati jkun marbut perċentwal tal-marka finali. Il-Metodu ta' Valutazzjoni għal kull Taqsima għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni dettaljata tat-Taqsimiet li tkun ippubblikata fil-Katalgu tat-Taqsimiet. |
| Programm | Il-Programm fil-Liberal Arts and Sciences. |
| Sistema tal-Kretti | L-allokazzjoni ta' kretti għat-Taqsimiet li jagħmlu parti mill-Programm skont is-Sistema Ewropea għat-Trasferiment u l-Ġabra tal-Kretti (ECTS) proposta mill-Kummissjoni Ewropea. |
| Taqsima | Parti minn Programm li ssir skont sillabu approvat mis-Senat, fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji, u li magħha jkun hemm marbut numru speċifikat ta' Kretti ta' livell li jkun indikat, u li tista' tiġi eżaminata għaliha. Taqsima tista' tieħu s-sura ta' sensiela ta' lekċers, laqgħat tutorjali, kitba ta' esej estensiva, studju privat, jew tiżwiqa ta' ħidma bħal din, jew kull metodu ieħor ta' tagħlim. |
| Università | L-Università ta' Malta |

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

4. It-Taqsimiet fil-Programm huma miftuħa għall-persuni li huma meqjusa li għandhom l-kapaċità biex isegwu dawn it-Taqsimiet bi profitt. L-applikanti jistgħu jkunu aċċettati suġġett għal intervista qasira. Ċertu kwalifiki u/jew esperjenza jistgħu jkunu speċifikati għal Taqsimiet partikolari.

**L-Applikazzjoni għat-Taqsimiet**

5. (1) L-applikanti għandhom jirreġistraw għat-Taqsimiet offruti f'semestru partikolari fiż-żmien specifikat mill-Uffiċju tar-Reġistratur.

(2) L-Università għandha tħabbar it-Taqsimiet offruti matul semestru jew sena partikolari mill-anqas xahar qabel il-bidu tas-semestru.

**Il-Kalendarju Akkademiku**

6. L-Università għandha tħabbar id-data tal-bidu u t-tmiem ta' kull Taqsima fiż-żmien meta t-Taqsimiet ikunu disponibbli għar-reġistrazzjoni mill-pubbliku.

**Il-Lingwa tat-Tagħlim u l-Valutazzjoni**

7. Il-lingwa tat-tagħlim u tal-valutazzjoni għandha tkun l-Ingliż, ħlief li għall-oqsma ta' studju li jinvolvu t-tagħlim ta' lingwa dawn jkunu b'dik il-lingwa. Is-Senat jista' wkoll japprova t-tagħlim ta' Taqsima bil-Malti jew bi kwalunkwe lingwa oħra.

**It-Taqsimiet**

8. It-Taqsimiet għandhom ikunu approvati mis-Senat fuq ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Istudji.

9. (1) It-Taqsimiet għandhom ikunu offruti fil-Livelli Introduttorju u Għola.

(2) It-Taqsimiet offruti fil-Livell Introduttorju m'għandhomx jeħtieġu li l-istudenti jkollhom tħejjija u għarfien akkademiċi, ħiliet u kompetenzi fil-qasam tas-suġġett iżjed minn dawk miksuba fit-tmiem tal-edukazzjoni sekondarja. Il-livell miksub wara t-tmiem b'suċċess tat-Taqsima għandu jkun dak ta' Taqsima tal-ewwel sena ta' rikonoxximent Universitarju sal-ewwel grad.

(3) It-Taqsimiet offruti fil-Livell Għola jistgħu jeħtieġu li l-istudenti jkollhom għarfien, ħiliet u kompetenzi fil-qasam tas-suġġett tat-Taqsima komparabbli għal, jew miksuba minn, Taqsima fil-Livell Introduttorju offruta fil-Programm. Dan ma jfissirx neċessarjament li kull Taqsima offruta fil-Livell Għola se jkollha Taqsima korrispondenti fil-Livell Introduttorju.

10. L-istudenti li jiksbu Kretti meta jkunu rreġistrati f'korsijiet offruti mill-Università jew minn kwalunkwe istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni għolja approvata, jista' jkollhom il-Kretti aċċettati mill-Bord tal-Istudji biex jiġu trasferiti fil-Programm, sakemm li dawn il-Kretti ma jkunux ġew diġà meqjusa għal Rikonoxximent ieħor tal-Università jew ta' xi istituzzjoni oħra ta' edukazzjoni għolja.

11. L-attendenza hija obbligatorja iżda l-istudenti jistgħu jiġu eżentati milli jattendu lekċers għal raġunijiet validi mill-lekċerer.

**Il-Bord tal-Istudji**

12. Il-Bord taċ-Ċentru għall-Arti u x-Xjenzi Liberali għandu jaġixxi bħala l-Bord tal-Istudji għall-Programm.

13. L-elezzjoni tal-istudenti membri għandha ssir kull sena matul l-ewwel nofs tal-ewwel semestru.

**Il-Kretti**

14. Il-għadd ta' Kretti jkunu assenjat għal kull Taqsima, li jindika l-ħin totali ta' tagħlim, inkluż il-ħin iddedikat għat-tagħlim, studju privat u valutazzjoni, li student medju jista' jkun mistenni li jagħmel biex jikseb ir-riżultati ta' tagħlim assoċjati mat-Taqsima; Krettu wieħed, nominalment jirrappreżenta ħamsa u għoxrin siegħa ta' tagħlim, li normalment minn ħames sa seba' sigħat minnhom jieħdu s-sura ta' tagħlim dirett meta Taqsima tkun imwassla bil-metodu *standard* tal-lekċers.

15. It-Taqsimiet normalment għandhom ikunu assenjati erba' jew tmien Kretti.

**Il-Valutazzjoni – Il-marki u l-gradi**

16. Fil-valutazzjoni tat-Taqsimiet, l-eżaminaturi għandhom jesprimu l-livell milħuq mill-istudent bħala marka perċentwali u bħala grad kif inhu muri fit-tabelli ta' hawn taħt. Kemm il-marka perċentwali kif ukoll il-grad f'għamla ta' ittra għandhom jitniżżlu fir-rekord akkademiku tal-istudent. Għall-finijiet tad-determinazzjoni tal-klassifikazzjoni tar-rikonoxximent, għandha tintuża l-marka perċentwali.

| Deskrizzjoni | Medda tal-Marki | Grad |
|---|---|---|
| Xogħol eċċezzjonali.<br>Livell eċċezzjonali li jixhed li l-istudent fehem is-suġġett fil-wisa' tiegħu u għaraf japplikah. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol supplimentari estensiv. | 95% - 100% | A+ |
| Xogħol eċċellenti.<br>Livell mill-aqwa li jixhed li l-istudent fehem is-suġġett fil-wisa' tiegħu. Xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari konsiderevoli. | 80% - 94% | A |
| Xogħol tajjeb ħafna.<br>Livell ikkaratterizzat minn għarfien tajjeb ħafna tas-suġġett . Xhieda ta' ammont ġmielu ta' qari/riċerka/xogħol. | 75% - 79% | B+ |
| Xogħol tajjeb.<br>Livell li jisboq il-medja, b'għarfien tajjeb tas-suġġett. Xhieda ta' qari/riċerka/ xogħol mhux kbir. | 70% - 74% | B |
| Xogħol ta' kwalità medja.<br>L-istudent fehem is-suġġett mhux ħażin iżda mhux għalkollox. Xhieda ta' ftit qari/ riċerka/xogħol. | 65% - 69% | C+ |
| Xogħol passabbli.<br>L-istudent fehem il-qofol tas-suġġett. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari. | 55% - 64% | C |
| Xogħol x'aktarx batut.<br>L-istudent fehem is-suġġett fuq fuq biss. L-ebda xhieda ta' qari/riċerka/xogħol supplimentari. | 50% - 54% | D+ |
| Għadda marġinalment.<br>Livell marġinali, li bilkemm jista' jitqies pedament sodisfaċenti għall-korsijiet li jiġu wara fl-istess qasam. | 45% - 49% | D |
| Mhux sodisfaċenti, xogħol li bih l-istudent ma jgħaddix. | 0%–44% | F |

.

17. Il-grad li ġej meta jkun assenjat għat-Taqsimiet m'għandhux jitqies għall-iskopijiet tal-komputazzjoni iżda xorta jagħmel parti mir-rekord akkademiku tal-istudent:

| Grad | Deskrizzjoni |
|---|---|
| I | Grad temporanju għal xogħol Inkomplet għal raġunijiet validi (mard, assenza bil-permess, eċċ.) meta d-data biex jingħata x-xogħol tkun ġiet imtawla, jew id-data tal-valutazzjoni ġiet proposta, sakemm li l-istudent ikun eżaminat matul l-ewwel sessjoni li jmiss. |

**Il-Metodi ta' Valutazzjoni**

18. Il-Metodu ta' Valutazzjoni ta' kull Taqsima għandu jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-Taqsima u ppubblikat fil-Katalgu tat-Taqsimiet *online*.

19. Meta l-Metodu ta' Valutazzjoni jinkludi aktar minn komponent wieħed ta' valutazzjoni, il-piż perċentwali ta' kull komponent għandu jkun indikat. L-istudenti għandhom jingħataw il-Kretti assoċjati mat-Taqsima jekk ikunu kisbu marka globali mwieżna ta' 45% jew ogħla għat-Taqsima sħiħa.

20. Jekk mhux f'ċirkustanzi speċjali u bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti kollha fuq l-istess Taqsima għandhom jiġu valutati bl-istess metodu/i ta' valutazzjoni. Valutazzjonijiet riparatorji normalment għandu jkollhom l-istess mod ta' valutazzjoni bħal l-ewwel valutazzjoni, sakemm li mod ta' valutazzjoni differenti jista' jkun approvat mill-Bord tal-Istudji f'ċirkustanzi speċjali.

21. (1) Il-valutazzjoni tista' ssir:

(a) b'mod kontinwu, jiġifieri b'sensiela ta' valutazzjonijiet, li jista' jkollhom is-sura ta' testijiet fil-klassi, xogħol assenjat li jsir id-dar, testijiet orali, jew tiżwiqa ta' żewġ metodi minn dawn jew aktar, jew kull metodu ieħor ta' valutazzjoni kontinwa approvat mis-Senat u mifrux matul it-Taqsima; jew

(b) b'mod finali, jiġifieri b'valutazzjoni waħda fi tmiem it-Taqsima; jew

(ċ) b'mod kontinwu u finali, jiġifieri parti permezz ta' sensiela ta' valutazzjonijiet mifruxa matul it-Taqsima u parti permezz ta' valutazzjoni fi tmiem it-Taqsima.

(2) Il-valutazzjonijiet tat-Taqsimiet għandhom jitmexxew skont ir-Regolamenti tal-Valutazzjoni tal-Università, 2009.

22. Kull xogħol li jkun ingħata bħala xogħol tal-kors bl-iskop ta' valutazzjoni kontinwa għandu dejjem jiġi ppreżentat qabel id-data tal-eżami li għandu jsir fit-tmiem tat-Taqsima. Meta t-Taqsima tkun evalwata permezz ta' xogħol tal-kors biss, id-data għall-preżentazzjoni tax-xogħol m'għandhiex tkun miftiehma għal wara l-aħħar jum tas-sessjoni tal-eżamijiet ta' wara s-semestru li fih tkun offurta t-Taqsima.

**Il-Valutazzjonijiet Riparatorji**

23. (1) L-istudenti li jeħlu fi kwalunkwe Taqsima għandhom jitħallew jagħmlu valutazzjoni mill-ġdid sakemm li jissodisfaw ir-rekwiżiti l-oħra kollha

skont kif ikun rilevanti għat-Taqsima. L-istudenti għandu jingħatalhom iċ-ċans ta' valutazzjoni mill-ġdid f'Taqsima li jkunu weħlu minnha, darba biss.

(2) L-istudenti li jeħlu minn Taqsima għax ikunu fallew l-eżami bla raġuni valida jew għax ma jkunux ippreżentaw ix-xogħol tal-kors sad-dati li jkunu ngħataw jista' jingħatalhom iċ-ċans ta' sessjoni riparatorja fid-diskrezzjoni tal-lekċerer.

24. Fil-valutazzjoni ripartorja ta' Taqsima li jkunu weħlu minnha, l-istudenti jistgħu jkunu meħtieġa li jiġu evalwati mill-ġdid jew fil-komponent/i partikolari tal-valutazzjoni jew f'kull komponent tal-valutazzjoni skont ma jkun indikat fid-deskrizzjoni tat-Taqsima. Komponent ta' valutazzjoni jista' jiġi indikat bħala li ma jistax ikollu valutazzjoni mill-ġdid, f'liema każ il-marka oriġinali miksuba fil-komponent tinżamm.

25. Fil-valutazzjonijiet ripartorji, l-ogħla marka/grad li jista' jingħata għandha tkun 45%, grad D.

26. Il-valutazzjonijiet ripartorji għandhom isiru kif ġej:

(a) għal valutazzjoni kontinwa: b'arranġament mal-lekċerer konċernat, basta li l-valutazzjoni mill-ġdid tintemm qabel it-tmiem tas-sessjoni tal-valutazzjonijiet ripartorji; u

(b) għal valutazzjoni bl-eżami: f'sessjoni riparatorja tal-eżamijiet.

**L-Eliġibbiltà għar-Rikonoxximenti**

27. (1) L-istudenti jkunu ntitolati għal Certificate of Achievement għal kull Taqsima li jtemmu b'suċċess u jistgħu jitolbu *transcript* li jagħti dettalji tat-Taqsimiet mitmuma b'suċċess.

(2) L-istudenti għandhom jingħataw il-kwalifiki kif ġej:

(a) Certificate in Liberal Studies jekk jiksbu mill-anqas 30 krettu;

(b) Diploma in Liberal Studies jekk jiksbu mill-anqas 60 krettu, sakemm li mhux aktar minn 40 krettu jkunu fil-Livell Introduttorju;

(c) Higher Diploma in Liberal Studies jekk jiksbu mill-anqas 120 krettu, sakemm li mhux aktar minn 60 krettu jkunu fil-Livell Introduttorju;

(d) Grad ta' Bachelor in Liberal Studies jekk jiksbu mill-anqas 180 krettu, sakemm li mhux aktar minn 80 krettu jkunu fil-Livell Introduttorju u li jinkludi dissertazzjoni jew proġett estiż assenjat 15–il krettu, u jissodissfaw wkoll kwalunkwe rekwiżiti oħra kif speċifikat f'dawn ir-regolamenti.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

28. (1) Is-Certificate in Liberal Studies jingħata mingħajr klassifika.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma u tal-Higher Diploma in Liberal Studies għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

(3) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għal għoti tal-Bachelor in Liberal Studies għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku u kklassifikati kif ġej:

Kategorija I
Kategorija IIA
Kategorija IIB
Kategorija III.

**Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximenti**

29. (1) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Rikonoxximenti għandu jkun magħmul mill-membri tal-Bord tal-Istudji, ħlief għar-rappreżentanti tal-istudenti, u l-eżaminatur barrani meta dan ikun maħtur.

(2) Il-Bord għall-Klassifikazzjoni tal-Rikonoxximenti għandu jikkonsulta l-linji gwida li ġejjin meta jiddeċiedi fuq il-klassifikazzjoni finali tar-Rikonoxximent fl-aħħar tal-Kors:

(a) Id-Diploma u l-Higher Diploma normalment ikunu mogħtija kif ġej:

| **Marka Medja Finali Mwieżna** | **Klassifikazzjoni** |
|---|---|
| 100 - 80% | Għadda b'Distinzzjoni |
| 79 - 70% | Għadda b'Mertu |
| 69 - 45% | Għadda. |

(b) Il-grad ta' Bachelor normalment ikun mogħti kif ġej:

| **Marka Medja** | **Klassifikazzjoni tal-Grad** |
|---|---|
| 100 - 80% | Kategorija I |
| 79 - 70% | Kategorija IIA |
| 69 - 55% | Kategorija IIB |
| 54 – 45% | Kategorija III. |

**L-Imġieba Ħażina**

30. L-istudenti huma mistennija li jġibu ruħhom b'manjiera li ma tfixkilx it-tmexxija tal-Università, inklużi kwalunkwe riżorsi fiżiċi tagħha, u l-libertà raġjonevoli ta' persuni oħra biex isegwu l-istudji, ir-riċerka, id-dmirijiet jew l-attivitajiet xierqa tagħhom fl-Università jew biex jipparteċipaw fil-ħajja tal-Università.

**Il-Konsegwenzi ta' Obbligazzjonijiet Mhux Mitmuma**

31. Student li jkollu d-dejn mal-Università, jew li b'xi mod ieħor ikollu obbligazzjonijiet lejn l-Università mhux mitmuma, m'għandux jitħalla jirreġistra mill-ġdid f'xi semestri ta' wara, u lanqas m'għandu jingħata rikonoxximent lil student li jkollu d-dejn jew obbligazzjonijiet lejn l-Università mhux mitmuma, jekk mhux bil-permess speċjali tar-Rettur, jew sakemm id-dejn jitħallas jew l-obbligazzjoni titwettaq.

**Il-Provvediment Ġenerali**

32. Għal materji li m'hemmx provvedimenti dwarhom f'dawn ir-regolamenti, il-Bord tal-Istudji għandu jkun iggwidat mill-provvedimenti tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004, ippubblikati bħala Avviż Legali 127 tal-2004, u minn kwalunkwe Statut, Regolamenti u Ordinamenti oħra kif applikabbli.